**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 4 ta' Dicembru 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 513/2024 JPG**

**Kawza nru.: 21**

**FX**

**U**

**JX**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 18 t'Ottubru 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mijja u disghin (1990) skond iċ-ċertifikat taż-żwieġ li jġib numru 2031/1990 hawn anness u mmarkat bħala **Dok. A1** u minn dan iż-żwieġ ghandhom zewgt ulied li llum huma t-tnejn maggiorenni.*

2. *Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' Kuntratt ta' Separazzjoni Personali fl-Atti tan-Nutar Pubbliku Dr. Marco Burlo' datat hmistax (15) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006), kopja vera tiegħu tinsab annessa u hija mmarkata bħala **Dok. A2**.*

3. *Illi ma hemm l-ebda manteniment li jithallas u/jew li huwa dovut bejn il-partijiet.*

4. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi ilhom de facto mifrudin minn xulxin ghal numru twil ta' snin u cioe' minn circa s-sena 2003 u għal din ir-raġuni huma għandhom u ilhom b'ħajja totalment separata minn ta' xulxin.*

5. *Illi dawn il-fatti kollha jinsabu mahlufa u spjegati f'dikjarazzjoni guramentata maghmulha kemm minn FX u wkoll minn JX, liema dikjarazzjonijiet guramentati jinsabu annessi u huma mmarkati bhala* ***Dok. A3 u A4,*** *rispettivament.*

6. *Illi dawn il-fatti kif premessi jissodisfaw il- kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l- Artikolu 66B tal- Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta).*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara illi ż-żwieġ bejn FX u JX li ġie ċċelebrat nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mijja u disghin (1990) huwa maħlul u għalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom.*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal- Qorti sabiex entro t-terminu iffissat mill-istess Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bis-sentenza taghha, kif ukoll li jagħmel id-debita annotazzjonijiet u/jew korrezzjonijiet fiċ-ċertifikat taż-żwieġ li jġib numru 2031/1990.*

3. *Tawtorizza lil JX sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u b'hekk kunjom J minn issa 'l quddiem ikun dak ta' G.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**FX xehed (vide affidavit fol 15)** u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar it-28 t'Ottubru 1990 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggorenni. Iddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 15 ta' Dicembru 2006 fl-atti tan-Nutar Dr Marco Burlo. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**JX xehdet (vide Fol 16)** u kkonfermat u kkorroborat ix-xhieda ta' zewgha. Ziedet ukoll li tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' G.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-28 t'Ottubru 1990 liema zwieg jgib certifikat numru 2031/1990 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied li huma maggorenni.

JX talbet li  tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' G.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Marco Burlo nhar il-15 ta' Dicembru 2006 (Vide fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2031/1990 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu tordna li JX tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe G u tissolecita lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**